# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1180/97

Victor Bonavia

vs

Kummissarju tal-Pulizija

Illum 7 ta' Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Frar 1992 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-kumpens lilu dovut wara incident fuq xoghol, liema kumpens dejjem inghata lil individwi ohra.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor, illi r-rikorrent kien beda jahdem fil-Korp tal-Pulizija fi Frar tal-1979. Illi fit-13 ta' Mejju 1987 waqt li r-rikorrent kien fuq xoghol hdejn il-Macina f'Bormla, meta kienet ghaddejja attivita` politika kien safa attakkat u sahansitra qala' daqqiet ta' sikkina li hallewh ferut. Illi l-aggressur certu

Anthony Bonavia kien imressaq il-Qorti u kien kundannat zmien ta' prigunerija. Illi r-rikorrent kien sofra dawn id-daqqiet u kellu jidhol l-isptar biex jiehu l-kura mehtiega.

Illi l-'Injury Board' ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru kien iddecieda li r-rikorrent kien wegga` fuq xoghol tieghu ta' pulizija waqt li kien qed jaghmel xogholu konness mal-ordni pubblika.

Illi r-rikorrent fil-25 ta' Frar 1992 kien talab li jinghata kumpens bhal mas-soltu jinghata lill-haddiema jew pulizija li jsofru xi incident waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Illi r-rikorrent kien ircieva risposta minghand l-ufficcju ta' l-Avukat Generali li t-talba tieghu ghal kumpens ma kienitx ser tkun milqugha.

Illi minn dejjem individwi li kienu wegghu kienu nghataw il-kumpens u li r-rikorrent ghal xi raguni baqa' ma naghtax dan il-kumpens. Illi r-rikorrent ghalhekk ihoss li kienet saret ingustizzja mieghu u li anke saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni dwar l-ilment tieghu lix-xhieda kollha kif indikati f'dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jigi ordnat li r-rikorrent

jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata kumpens bhal ma nghata haddiehor talli wegga' fuq xoghol, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi l-intimat ma hux il-legittimu kontradittur tar-rikorrent.

Illi t-talba tar-rikorrent kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi ma tindwadrax ruha fil-parametri ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att VIII tan-1997.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fond indikat mir-rikorrent ma jaqax taht l-awspici tal-Kummissarju tal-Pulizija kif minnu allegat izda taht il-Ministeru tal-Gustizzja.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi l-intimat eccepixxa li l-ilment tar-rikorrent jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal stante li ma jinkwadrax ruhu f'dak imsemmi fl-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati

fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Ghall-istess motivi l-ilment tar-rikorrent odjern ghal kumpens ghax weggha fuq ix-xoghol taqa' barra mill-kompetenza ta' l-Att VIII tal-1997. Jinghad li din hija kwistjoni prettament ta' dritt civili. Jinghad li mhux kull allegata ingustizzja hija ta' kompetenza tat-Tribunal izda kif hemm specifikat fl-Att VIII tal-1997 u senjatament l-artikolu 6 (1) kif indikat fis-sub-artikoli (1) sa (4). Huwa veru li bhala Tribunal ma ghandux ikun hemm

interpretazzjoni ferm restrittiva, izda lanqas ma ghandu jkun hemm interpretazzjoni tant laxka ghax altriment naslu li nnehhu l-ligi relevanti. Ara f'dan is-sens ukoll il-kawza deciza mit-Tribunal fl-ismijiet "Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited et" deciza fid-19 ta' Ottubru, 1999.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimati dwar l-inkompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae***.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.